



EASA
European Aviation Safety Agency



Għaliex l-avjazzjoni hija sigura?

Gwida fil-qosor għall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà
fl-Avjazzjoni

Għax l-inġenji tal-ajru jiġu **ċċertifikati** qabel jitħallew itiru

-- Kull inġenju tal-ajru jiġi ċċertifikat mill-awtoritajiet għas-sigurtà tal-avjazzjoni qabel jitħalla jtir. L-ċċertifikazzjoni ta' prodott tikkonsisti f'valutazzjoni indipendenti tad-disinn u f'konferma li dan jissodisfa l-istandards tas-sigurtà li ġew stabbiliti matul dawn l-aħħar deċennji. L-EASA għandha r-responsabilità li tiċċertifika l-inġenji tal-ajru kollha mfassla u maħduma fl-Ewropa.

Il-ħidma magħmula mill-EASA ma tiqafx malli prodott jidħol fis-servizz. Anzi, f'dak l-istadju l-ħidma tagħha tkun għadha biss fil-bidu. Il-livell inizjali tas-sigurtà jibqa' jinżamm matul il-ħajja kollha tal-prodott.

Għax is-sigurtà fl-avjazzjoni tibqa' **monitorjata b'mod kontinwu**

-- Il-fatturi kollha li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà jibqgħu jiġu monitorjati. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni tal-inġenji u entitajiet oħrajn fl-avjazzjoni jridu jirrapportaw kwalunkwe aspekt problematiku fis-sigurtà li jinnotaw. Ir-rapporti jiġu analizzati biex jiġu identifikati l-fatturi problematiċi. Dawn il-kontrolli kontinwi jippermettu li kwalunkwe problema potenzjali tinqabad mill-bidu nett. Imbagħad L-EASA tiegħu azzjoni adegwata minnufih ħalli tiżgura li jinżammu l-ogħla standards tas-sigurtà.

Għax **ir-regoli tas-sigurtà** jsirulhom reviżjoni u titjib b'mod kontinwu

– It-titjib fl-istandards tas-sigurtà tal-avjazzjoni u tal-protezzjoni tal-ambjent jesiġi li r-regoli jibqgħu jiġu reveduti u mtejba skont l-iżjed għarfien xjentifiku reċenti. Ir-regoli jiġu mfasla u adattati b'mod li jirriflettu l-bidliet teknoloġiċi u l-ħtiġijiet tal-avjazzjoni u b'mod li s-sigurtà tingħata l-ogħla prijorità. L-EASA tagħti l-konsulenza tagħha lill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-regoli tas-sigurtà u għandha r-responsabilità li tiddekrivi f'termini legali l-aqwa modi kif jista' jintlaħaq l-ogħla livell ta' sigurtà. Ir-reviżjoni tar-regoli ssir b'konsultazzjoni mal-industrija u maċ-ċittadini sabiex tiżgura li r-regoli jkunu proporzjonati mal-għanijiet mixtieqa.

Għax **fl-Ewropa kollha** jitħaddmu l-istess regoli tas-sigurtà tal-avjazzjoni

– Mentri t-titjib kontinwu fir-regoli jsawwar bażi soda għal sistema sigura tal-avjazzjoni, fis-seħħ hemm mekkaniżmu li jaċċerta l-applikazzjoni kontinwa ta' dawn ir-regoli. L-EASA għandha r-responsabilità li żżomm taħt għajnejha l-applikazzjoni tar-regoli tas-sigurtà tal-avjazzjoni li ssir mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni f'kull Stat Membru. L-Aġenzija tagħmel dan permezz ta' spezzjonijiet proattivi. Fl-istess waqt tagħti wkoll taħriġ u konsulenza lill-awtoritajiet.

L-operaturi non-Ewropej iridu joqogħdu għal spezzjonijiet li jiżguraw li dawn jissodisfaw l-istess standards tas-sigurtà tal-avjazzjoni ta' sħabhom l-Ewropej. L-EASA tikkoordina dawn l-ispezzjonijiet fuq il-livell Ewropew. Kemm-il darba jkun hemm vjolazzjonijiet fis-sigurtà l-Kummissjoni Ewropea tieħu l-miżuri adegwati kollha.

Għax is-sigurtà tibbenifika **mill-kooperazzjoni internazzjonali**

– It-trasport bl-ajru huwa attività internazzjonali u għaldaqstant is-sigurtà fl-avjazzjoni tesiġi sforz kollettiv mid-diversi organizzazzjonijiet fuq livell internazzjonali. L-EASA għandha f'idejha l-kompitu li tagħti l-kompetenza teknika u r-rappreżentanza lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, lill-panils tekniċi u lill-gruppi ta' ħidma. Barra dan l-Aġenzija taħdem mill-qrib ma' awtoritajiet tas-sigurtà fl-avjazzjoni barra mill-Unjoni Ewropea sabiex tkompli tmexxi 'l quddiem is-sigurtà fuq skala globali.



Is-sigurtà tiegħek hi l-missjoni tagħna



Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA)

Imwaqqfa:

2003, abbażi tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1592/2002).

Post:


Cologne, il-Ġermanja
Brussell, Belġju

Rappreżentanzi Permanenti:

Beijing, Montreal, Washington

Membri:

Is-28 Stat Membru tal-UE, flimkien mal-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera.



Indirizz postali
Kaxxa Postali
10 12 53
D-50452 Cologne
Germany

**Indirizz għall-
viżitaturi**
Ottoplatz 1
D-50679 Cologne
Germany

Tel. +49_221_8999-0000
Fax +49_221_8999-0999
E-Mail info@easa.europa.eu

easa.europa.eu



Aġenzija tal-Unjoni Ewropea.

